Il-lum il-ġurnata l-pulizija qed tgawdi kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar min qabel. Uħud min dawn huma s-servizz ta' 25 sena. Il-pensjoni ma titnaqqasx iżda teħoda kollha, allowance tal-Ħdud u festi u overtime meta tidħol wara l-ħin normali tax-xogħol bħal pereżempju l-qorti fil-frank jew leave. Barra minn hekk spiċċa dak iż-żmien meta l-membri fil-korp kienu jkunu ordnati għal ħafna attivitajiet ta' natura politika li ħafna minnhom kienu jispiċċaw f'inkwiet. Naqas ukoll il-ħafna fixed point ma kull ħaġa li tista timmaġina. Jien niftakar nagħmel fixed point ma karozzi maħruqa jew ma xi trinka li tkun qed titħaffer. Illum dawn l-affarijiet spiċċaw iżda dejjem nistgħaw intejbu aktar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-membri tal-Korp. Nieħu pjaċir meta nitkellem ma' pulizija sħabi fuq ix-xogħol tagħna l-pulizija f'diversi distretti u sezzjonijiet. Ilment li l-aktar li tisma bih illum il-ġurnata huwa x-xift ta' night, second, first, night second u frank, u li issa illu magħna żmien. Wasal iż-żmien li jinbidel ma sistemma ta' shift ieħor. Din is-sistema ta' shift li jinħadem mill-biċċa l-kbira tal-membri tal-Korp jħallik imkisser speċjalment meta min-night watch tidħol is-second watch tispiċċa qisek ċaruta tal-platti. Ħadd illum il-ġurnata mill-impjegati oħra fiċ-ċivil, ma jaħdem wara night watch duty iżda kollha jieħdu rest u wara off duty. Titkisser aktar meta bejn in-night watch duty u second watch tidħol għall-qorti. Shift li jista jinħadem minflok dan huwa is-shift li jinħadem min pulizijat tal-passaporti. Dan għall-inqas jtik ċans ta' mistrieħ bejn għassa u oħra. Iżda f'dan shift jonqos il-frank għax kull ma hemm huwa ir-rest. Għalhekk dan irid isir first, second, night, rest u off. Bejn kull watch u ieħor għandek 24 siegħa mistrieħ. Biex tibda din is-sistema ta' shift għandu jintgħażel distrett u din titħadem għal xahar sħiħ. Wara jibdew id-distretti l-oħra. Ilment li jissema wkoll huwa ż-żmien li qed jieħu biex jitħallas l-allowance tal-Ħdud u l-Festi. Bħalissa qed nitħalsu wara sitt xhur. Kull ma jista jsir huwa li għal xagħrejn fuq xulxin nitħalsu ta' xagħrejn allowance u mhux xahar. B'hekk wara dawn ix-xagħrejn nibdew nieħdu l-allowance għall-inqas b'xahrejn lura u mhux xitt xhur. Ħaġa oħra li qed tkun kaġun ta' dwejjaq speċjalment mal-membri ġodda fil-korp huwa l-fixed point duty. F'ħafna distretti dan ikun ta' tmien siegħat straight. Għaliex dan meta din l-għassa tista tinħadem maqsuma, jiġifieri erba siegħat bejn żewġ pulizija. B'hekk dak li jkun ma jikissirx u jaqta ħafna mill-monotonija ta' dan ix-xogħol. Mhux talli dan il-kuntistabli jkollu jagħmel tmien siegħat straight iżda lanqas biss jinbiddel biex jaqdi l-ħtiġijiet naturali tiegħu. Dawn l-affarijiet li semmejna jistgħaw faċilment jiġu rranġati mill-istess awtoritajiet tal-korp u m'għandux għalfejn jintervjeni l-Ministru. Qabel ma nagħlaq nixtieq nawgura lill-Ministru l-ġdid tal-Intern Dr. Tonio Borg. Naf żgur li b'enerġija żagħżugħa tiegħu sejjer jaħdem biex il-korp tal-Pulizija jkompli ttejjiblu u jirranġalu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu.

# PAROZONE

## POWER TO CARE, PROTECT, CLEAN & FRESHEN

**JEYES**

The Household Name in Hygiene

SOLE AGENTS : V.J. SALOMONE LTD., UPPER CROSS ROAD, MARSA. TEL: 238026. FAX: 243026.




*Cleaning is our experience!*

• Window Cleaning • Maid Service • Carpet Cleaning • After Office Hours Cleaning • Floor Polishing • All Other Cleaning in Flats, Hotels, Factories, Schools etc

**Head Office:** Flat 2, Helena Flats, Triq il-Prinjolata, Ta'Xbiex. Tel:339820, 320442. Fax:320459
**SHOWROOM CLEANING CENTRE:** Constitution Street, Mosta. Tel:433141. Fax:413157

**24 HOUR SERVICE**
**7 DAYS A WEEK**

# Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti -

**Joseph Agius - EX PC 265**

## L-Intervista

Kitba ta' A.J. Saliba

Joseph Agius twieled fit-28 ta' Diċembru, 1922 f'San Pawl il-Baħar u kien mar joqgħod il-Mosta fejn attenda l-Iskola Primarja sal-1936. Fl1938 engaġġa mal-1st K.O.M.R. (King's Own Malta Regiment) fejn dam seba' snin u nofs. Spiċċa miil-Army bħala Corporal mal-Military Police. Għall-ħidma tiegħu fi ħdan l-armata matul il- Gwerra Joe ingħata sitt medalji u fil-15 t'April, 1992, irċieva il-George Ċross Medal. Huwa daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Jannar, 1946, bin-numru 883 u wara tlett xhur 'course' fid-Depot ta' Fleure de Lys (fejn kienu mġelgħa jorqdu wkoll) sab ruħu stazzjonat xahrejn Ħaż-Żebbuġ u wara, erba' xhur l-Msida. Wara intervista ma' l-ex-assistent Kummissarju s-Sur Alfred Lanzon ntagħzel biex jingħaqad mat-Traffic Branch.




## 27 sena fit-Traffic Branch

Beda biex juża muturi tal-għamla B.S.A. li kienu ta' l-istess tip tal-Militar. Iżda hu ma kellux mutur li seta' jgħid li kien tiegħu għax l-għaxar muturi li kien hemm kienu għad-dispożizzjoni tal-membri kollha ta' fuq il-muturi. Wara l-walta tal-B.S.A. l-ġodda, segwiti mit-Triumph u n-Norton, kull membru ġie mogħti mutur biex jieħu ħsiebu daqs li kieku kien tiegħu. Meta ma kellux fejn idaħħal il-mutur fid-dar jew fil-garaxx bilfors kellu jraqdu fl-eqreb għassa tal-Pulizija. Joe biddlulu n-numru minn dak ta' Riservista għan-numru 265 wara tlett snin servizz. Filwaqt li fid-Depot ta' Fleur de Lys kienu jdaħħlu l-muturi ġewwa, fid-depot tal-Furjana l-garaxx kien f'mina sotterrana ta' Triq V. Dimech.

## Sedutital-Qorti

Minħabba fil-għamla tax-xogħol tiegħu, dak li jissorvelja l-karrozzi tal-linja, u kull ma jiltaqa' miegħu fit-triq, Joe ma naqasx li jitla' l-Qorti għas-seduta tat- Traffic darba jew darbtejn fil-ġimgħa. Dan anke waqt ġranet ta' leave għax il-Qorti ma tistenna 'l ħadd. Huwa jgħid li dejjem żamm kalm meta kien jiġi pprovokat minn xi ħadd li kien ikun qed jirraporta. Il-faċilita' li timla Traffic Office Ticket u twaħħlu mal-vettura u titlaq 'l hemm, kienet għada ma wasletx. Kellu bilfors jiffaċċja lill-malkreant sabiex ikun jista' jirraportah billi jeħodlu l-partikularitajiet u jigħdlu x'akkużi ser ikollu kontrih. Darba irċevew ordni biex jitqassmu ma' Malta kollha sabiex isiru tfiċċijiet f'garaxxijiet eċċ. għall-karozza li kienet għada kemm tajret raġel fil-Fgura, qatlitu u baqgħet serja. Ġara li kien bil-lejl meta hu u surġent daħlu f'garaxx li jikri l-karrozzi fi Blata l-Bajda u ma ntebbħux biha minħabba nuqqas ta' dawl. Din skopriet ruħa l-għada filgħodu min skwadra tal-pulizija oħra. Is-surġent ġie bi 'crime' u ammonit fil-waqt Joe tela' jixhed quddiem il-Kummissarju. Din kienet l-eqreb okkażżjoni li Joe miss ma' xi crime, il-bqija qatt ma kellu xejn kontrih.

## Parati u Pariri

Joe Agius kien minn ta' quddiem fejn kienu jidħlu skorti ma' nies prominenti. Saħansitra Kien ifforma parti mill-eskorti tar-Reġina Elizabetta t-Tieni fl-1954 u fl-1964 meta d-Duka ta' Edinburgh attenda għaċ-ċerimonja ta' l-Indipendenza.

Joe spiċċa mis-servizz fl-1974 u mar jaħdem ma' Mizzi Ltd fl-Msida bħala security officer iżda wara għażel li jmur Deliveryman. Ħalla l-impieg fl-1979 sabiex igawdi l-pensjoni u l-familja. Huwa miżżewweġ lil Giovanna (1944) u kellhom erbat itfal - Michael, Jimmy, Twanny u Mary. Joe diġa' nannu ta' tnejn. Qabel intemmet din l-intervista Joe xtaq iżid li hu jenfazizza lill-membri tal-Korp, speċjalment dawk ġodda, sabiex dejjem juru rispett lejn is-superjuri tagħhom, jikkonċentraw fuq xogħolhom u jwarrbu kull tentazzjoni billi quddiem għajnejhom iżommu dan il-ħsieb: "Ħbieb kulħadd u Ħabib ħadd".

## FIERA ANZJAN ATTIV '95

It-tieni edizzjoni tal-Fiera Anzjan attiv '95 inżammet ġewwa s-sala l-kbira ta' l-esebizzjonijiet f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi bejn it-12 u l-14 ta' Mejju. Sar titjib enormi fil-padiljun tal-Għaqda, li ħadet sehm flimkien ma' xi ħdax-il Għaqda oħra volontarji u xi tmintax-il ditta kummerċjali. Hawn nixtiequ nsemmhu l-ko-operazzjoni tal-membri tal-Kunsill li jew ġabulna l-pjanti biex insebbħu l-padiljun jew għamlu l-ħin tagħhom fl-istand; nirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija talli għoġbu jsellifna żewġ 'dummies' liebsin uniformijiet antiki tal-Korp flimkien ma' rota qadima u ritratti; dan ħa ħsieb kollox PC Joe Navarro li hu nkarigat mill-Muzew tad-Depot. Niltaqgħu sentejn oħra.

## ANZJAN ĦABRIEKI

Qegħdin nippublikaw dan ir-ritratt ta' l-ex Maġġur John Buhagiar (59) li joqgħod il-Belt u li minkejja l-marda li kienet laqtitu jagħmel ħiltu biex jibqa' attiv is-sena kollha. John huwa wieħed mill-pijunieri membri tal-Għaqda u jieħu nteress f'dak kollu li tagħmel l-Għaqda. Prosit John.

## CRUISE MIBDUL FI STEDINA

Wara li l-Kummissarju tal-Pulizija rċieva stedina minn għand ir-Russian Centre for Science and Culture sabiex żewġ Pulizija veterani jmorru fuq cruise ta' 45 jum, kollox imħallas barra l-passaġġ Malta/Moscow/Malta, intbagħtet ċirkulari lil dawk kollha li setgħu jikkwalifikaw. Ġara pero' li dan il-cruise ma seħħx għal raġunijiet finanzjarji peress li qalulna li l-kumpanija li kienet ser topera l-vapur, falliet. Iżda ċ-ċentru Russu tax-Xjenza u Kultura għamel tajjeb għad-diżapunt kbir taż-żewġ membri tagħna, Paul Camilleri mill-Belt, u Emmanuel Micallef miż-Żejtun, billi stiedinhom, flimkien ma' veterani oħra suldati, man-nisa tagħhom, għall-lejla ta' 'drinks', eċċ., fl-istess Ċentru li jinsab ġewwa l-Belt Valletta, nhar s-17 ta' Mejju. Kull veteran ġie mogħti memento għall-okkażżjoni li nġieb minn Moscow mid-Direttriċi stess.

## KARTANZJAN
## Kara ta' l-Identita' Speċjali għall-Anzjani

Fit-23 ta' Frar 1995 ġiet imnedija l-Kartanzjan: il-Karta ta' l-Identita Speċjali għall-Anzjani. Kartanzjan tintitola lil persuni li jagħlqu s-sittin sena għal diversi konċessjonijiet soċjali u finanzjarji. L-iskop wara l-ħruġ ta' Kartanzjan huwa li sservi ta' għodda sabiex il-persuna anzjana tkun tista' tgħix ħajja ta' kwalita' aħjar filwaqt li tibqa' integrata, b'mod sħiħ, fis-soċjeta'. Inħarġu aktar minn 60,000 Karta ta' l-Identita' b'sistema kompjuterizzata bl-għajnuna tal-Kummissjoni Elettorali. Il-vantaġġ ewlieni ta' din is-sistema huwa li l-anzjani ma jkollhomx għalfejn japplikaw għall-Kartanzjan iżda jeħduha awtomatikament malli jagħlqu s-sittin sena. Sar ftehim mal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kartanzjan titqassam minn hemm. Xi wħud mill-Kunsilli Lokali ħadu inizzjattivi biex dawk l-anzjani li ma setgħux imorru għall-Karta ta' l-Identita' Speċjali tagħhom, din titqassmilhom fi djarhom stess minn voluntiera.

il-ħruġ ta' Kartanzjan qed tqarreb lil pajjiżna lejn il-pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea li ilhom is-snin li introduċew is-Seniour Citizen Pass.

Sal-llum, Kartanzjan kienet tintitola lill-anzjani għal 126 konċessjoni li jkopru għadd ta' setturi u servizzi. Ingħataw konċessjonijiet u preferenzi fis-servizz tas-saħħa, banek, trasport bl-ajru u bil-baħar, attivitajiet kulturali kif ukoll skontijiet li jvarjaw minn 5% sa 50% fuq diversi servizzi u prodotti oħra.

Ta' min igħid li fil-ħruġ tal-Kartanzjan, is-Segretarjat ħadem id f'id mal-Kunsill Nazzjonali

ta' l-Anzjani. Fil-fatt xi wħud mill-konċessjonijiet inkisbu bis-saħħa tal-Kunsill wara negozjati li saru minnu stess.

Dan l-artikolu qed jidher b'ħajr lis-Segretarjat Għall-Anzjani u huwa meħud mid-Direttorju Informazzjoni għall-Anzjani li għadu kemm ġie ppublikat.






The Old Ship
The
PERFECT ENDING...
BELL'S
FINEST
OLD SCOTCH WHISKY
EXTRA SPECIAL
True Spirit • Genuine Character

# tisliba bil - premju MA SHIGÒ *TELETWIST*

L-EWWEL TLETT TWEGHBIET TAJBA LI JINFETHU SA L-AHHAR TA'LULJU 1995

JIRBHU Lm 5.00 DISCOUNT VOUCHER GHALL PRODOTTI TA *TELETWIST*

## MINGHAND SHIGÒ




**MIMDUDIN**

1 Tkun imwahhla mal-bieb(9)
5 Annimali fidili jew tal-glied(5)
8 Hagriet prezzjuza(6)
9 Dan bena' arka(3)
10 Mhux jien(3)
11 Distanza twila(3)
12 Ghamel hekk bir-reqqa(6)
15 Jitrabba fis-silos(4)
16 Dan isuq l-ajruplan(6)
17 Tibax hawn(3)
19 Tip ta hut(6)
20 Dawn zgur libjani(4)
22 Tista xxejjer bih(6)
24 Telaq(3)
27 Ex mexxej tal-Pakistan(3)
28 Sigar f'hal-luqa(3)
29 Isem ta'ragel(6)
30 Hafna minnhom zgur Il foloz(5)
31 Strument muzikali(9)

**IRBHU !**

Ibghatu t-twegibiet lil:
EDITUR
" IL-PULIZIJA"
POLICE LIBRARY
Kwartieri Generali
Tal - Pulizija
Floriana CMR 02

The above crossword was compiled by the Anglo-Malti Puzzler, Malta's only Prize Winning Puzzle book. Available Now! at you News Agent at only 55cents.

**WEQFIN**

1 Jaqta bih il-mastrudaxxa(7)
2 Rahal f'Malta u Ghawdex(5)
3 Tpoggih catt fuq is-sodda(6)
4 Isem ta'mara(6)
5 Dan johrog mil-fomm(5)
6 Mhux ahna u lanqas huma(5)
7 Dejjem ghaddejin(7)
12 Fis-sajf thossha zgur(5)
13 Ittardja(3)
14 Tidhol fih ghal-kura(5)
18 Lemhek(3)
19 Hekk trid taghmel biex tolqot(7)
21 Wied f'Malta(7)
22 Ikun mimli bit-tamal(6)
23 Dan jitlob il-karita(6)
25 Ta hekk hareg ghax zamm kelmtu(5)
26 Issibhom fil-qalba tal-pajjizi(5)
27 Hadd ma jiehu pjacir jaghmlu dan(5)


HIGH PROTEIN HIGH ENERGY PROFESSIONAL FORMULA
ANDREWS
BEEFY
CRUNCH
A FULL 12 DAYS FEEDING FOR A MEDIUM SIZED DOG
COMPLETE DOG FOOD
PROVIDES ALL THE NUTRIENTS YOUR DOG REQUIRES. NO NEED FOR VITAMIN OR MINERAL SUPPLEMENTS.
ANDREWS
❑ Aġenti ewlenin f'Malta:
ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD.,
Valletta Road, Luqa
Tel. 241735, 247202, 243492, 236970
Għalf bilanċjat ANDREWS għal riżultat aħjar


Fast relief from security headaches
Worldwide, Group 4 delivers supreme standards of security in over thirty countries, spanning five continents.
To meet your particular needs, our global network is supported by a comprehensive range of products and services, from security guards and cash carrying through to electronic surveillance.
Make contact for full information.
group 4
group 4 SECURITAS
Group 4 Securitas (Malta) Ltd., Sorensen House, D. Cremona Str., G'Mangia. Tel:220129 Fax:220774

# Paprati fuq il-Palk.... - Minn Charles Clews

Meta attur jew attrici jkunu fuq il-palk, irridu nammettu li fuqhom ikollhom ċerta tensjoni: jekk hux ser jiftakar (jew jinsa) il-battuti, il- ĊUES, jekk hux se jidħol fil-ħin, jekk min għandu miegħu hux se jgħid il-parti sewwa, jekk għandux fuqu l-ittra, flus, jew 'props' meħtieġa, eċċ.

U mhux minn atturi tat-tijatrin, dilettanti li jagħmlu kunċert (Rehersal) wieħed u jiddependu mis-suġġeritur biss, isiru l-paprati, iżda anke minn atturi u kumpaniji professjonali. U fil-films, kif naraw 'il quddiem.

Insemmu prapsura li ġrat f'reċita minn dilettanti ta' ċerta klassi. Kien ser jsir id-dramm 'San Pawl' snin ilu. Ix-xena madre, kif insibuha, kienet naturalment il-wasla ta' San Pawl, meħlus mill-għarqa. Din kienet turi lil San Pawl, flimkien maċ-ċenturjun, li jidħlu, imxarrbin għasra, u jħarsu madwarhom ħalli jaraw propjament fejn huma.

Ġara, li dak li kien se jagħmel il-parti taċ-ċenturjun, lejliet ir-reċita kien ħassu ħażin u ma setax jieħu parti. Id-direttur, anzjuż li ma jkollhiex titħassar ir-reċita, dar fuq wieħed, li kien igħin wara l-kwinti, iżda li ma tantx kien jinqala' għal fuq il-palk. Kien igħin kemm trid, jarma xenarju, itella' s-separju u dan, imma biex jidher quddiem in-nies ma kienx jinqala.

Iżda d-direttur, min hawn u minn hemm, ikkonvinċieh. U aċċetta, kontra qalbu. Għallmuh il-parti kif setgħu, u waslet ir-reċita. Infetaħ is-separju u dehru: San Pawl u ċ-ċentirjun. Ħemda kbira fil-platea, wara xi minuta, it-tnejn iħarsu 'l hinn u 'l hawn, San Pawl dar fuq iċ-ċenturjun u qallu: "Marco, fejn taħseb li aħna?" U qabeż iċ-ċenturjun u qallu: "Mhux San Pawl il-Baħar, tgħid?"

Kien hemm ieħor, prinċipjant, li tawh partiċella fid-dramm "Otello", u kellu biss li joħroġ, liebes ta' pagg, u jgħid lil Desdemona: "Sinjorina, qallek il-papa', il-gondla qed tistennik." Kitibha, u jistudjaha spiss, din l-imbierka sentenza, u wasal il-ħin li joħroġ. Il-buttafora għamillu s-sinjal ħalli joħroġ, u ħareġ, u bl-eċċitament, lil Desdemona qalilha: "Sinjorina, qaltlek il-gondla, il-papa' qed jistennik."

Kellek l-attur, li qed jagħmel il-parti ta' Ġuda, fid-dramm tal-Passjoni, li kien minn dawk ta' "O sema, O art!", jiddramatizza kollox, aħseb u ara meta wasal għax-xena tad-disperazzjoni: u beda qisu jrid iqatta' ħwejġu minn fuqu, u kif għolla l-libsa, dehru par peduni, sofor u ħomor .... tas-Seklu Għoxrin!

U ieħor, kumparsa, taparsi wieħed minn grupp ta' briganti, fi dramm li suppost li l-azzjoni qiegħda ssir 450 sena ilu, li meta d-dvernar staqsiehom x'sejrin jixorbu, dan qallu" 'Rum and Coke."

Ara dak iż-żmien! Iżda minn atturi professjonali jsiru ukoll żbalji. Attur imsemmi Ingliż, minn għalija Sir Henry Irving, kien fi play, li fiha kellu jitfa' teżor fil-baħar. Ix-xena kienet turi ċint, li kellu jgħolli t-teżor u jarmih għal wara dan iċ-ċint, għall-baħar. Wara ċ-ċint kellu jkun hemm saqqu, biex meta l-bagoll bit-teżor jintefa' taparsi fil-baħar, ma jkunx hemm ħoss.

Hemm ġurnali Ingliżi li jagħtu premju kull ġimgħa lil min isib xi żball f'dak li jidher fuq l-iscreen. Kien hemm tifel, m'illux li qabad żball tajjeb. Għax trid tqis li hawn min josserva aktar minn ieħor. Dan osserva li f'teleplay, mara marret tixtri minn ħanut, u l-assistenta qaltilha li l-kont kien tela' Lira u 20 pennies. (Għalina ejja ngħidu ċentesmi).

Il-mara tefgħitilha lira, u l-assistenta tagħtha 10 pennies bqija.

Kien hemm 'show' ta' prestiġjatur, jagħmel dak li ngħidulhom il-bużullotti - u bużullotta għamel, li qabduh fiha. Dan daħħal mara ġo kaxxa twila, u sserraħa min-nofs. Dam jisserra tgħidx kemm, u mutetti, u ġesti, kif ngħidu... għall-gallarija, u 'Hey Presto!' il-mara ħarġet sħiħa.

Iżda meta l-mara daħlet fil-kaxxa kellha żarbun aħmar, u meta ħarġet kellha f'saqajha żarbun aħdar. U dan intebaħ bih telespetatur.

Ġara li dak li kellu jieħu ħsieb iqiegħed is-saqqu




**Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PULVICH EXPLOSIVES
Ind. Ltd.
Sta. Barbara Works
L'Hfar Dingli
459621/459622**

# SOLITAIRE 3000 INDOOR PAYPHONE

## PROGRAMMABLE PAYPHONES READY TO USE, JUST PLUG IN

BETTER SERVICE
FOR YOUR CUSTOMERS
IDEAL FOR Hotel Lobbies, Restaurants, Discos, Bars, hairdressers, social clubs, service stations, offices, factories, and all kind of shops, as well as domestic use in holiday flats and rented accomodation, the Solitaire 3000 provides an additional service for your customers. ACCEPTS 10c,25c,50c,& Lm1 coins - PAY ON ANSWER, Invalid coins refunded.



SOLITAIRE 3000
***Ready to use, just plug in***

could also be used for Mobile and International calls. May be connected to PABX. Desk or Wall mounted. Just connect to any standard telephone line.
NOW AVAILABLE FROM

SHIGŌ *TELETWIST*
FLEUR - DE - LYS JUNCTION
FLEUR - DE - LYS. BKR 02
Tel:441820. 443918. 575373.
Mobile:099-7879. Fax:443918
TELETWIST CENTRE
PSAILA STR, FLEUR-DE-LYS.
BKR 02 - Tel: 485044

**MADE IN U.K.**
Approved by British Telecom

**APPROVED BY TELEMALTA**

poġġieh, bi żball, ftit 'il bogħod, u meta l-attur waddab il-bagoll, dan ġie fuq il-palk, u għamel ħoss kbir. L-udjenza qabdet tidħak, iżda dan malajr irranġaħa. "My God," qal, "Il-baħar iffriżat!"

Anke xi ċajta kienet issir, ukoll. Ermete Novelli, il-famuż attur Taljan, darba kellu parti li fiha jkun ġeneral, u f'xena minnhom, jidħol tenent b'ittra importantissima, għall-iskop tal-'plot'.

Dak li kellu l-parti tat-tenent, kien ħabib ta' Novelli, u ried jagħmillu ċajta. Flok l-ittra, li kienet twila, daħal u taħ karta vojta. Novelli ma kkonfondiex; kif ra l-karta vojta, dar fuqu u qallu: "Tenent, jiddispjaċini li m'għandix nuċċali, aqraħa int l-ittra."

Anki fl-opri jsiru l-paprati. Bħal dik tat-tenur fl-opera Faust. Dan għandu romanza li wara li jkantaħa jmur lejn toqba, li suppost turi li hu niezel lejn l-infern, u jinżel ġo fiha, naturalment kollox irranġat. Iżda t-tenur kien oħxon, u meta ġie biex jinżel mit-toqba weħel minn żaqqu.

L-udjenza nfexxew jidħku, iżda t-tenur kellu l-ispirtu pront li jgħidilhom: "idħku, idħku. Qiegħdin tifirħu, hux, għax l-infern jinsab mimli, u ma hemmx wisgħa għalikom!"

## U fil-Films

Żbalji fil-films rajna kemm-il darba, u tibda tgħid f'qalbek, kif meta hemm dak l-istaff kollu, meta kif jispiċċa film tara dawk il-credits, ħamsin ruħ, sa min iżomm il-mikrofoni jsemmu, u mbagħad jaħarbilhom żball bħal meta rajna film dwar ir-Rumani, ta' elfejn sena ilu, u naraw ċenturjun bl-arloġġ tad-deheb f'idu.

Qabel il-gwerra, kien hemm ġurnal Ingliż li kien jagħti premju mhux ħażin lil xi qarrej li jibgħat jgħidlu b'xi żball li kien jara fil-films. Niftakar wieħed li kien bagħat jgħid dwar film li fih kien ħadem John Gilbert. Dan kellu xena li jidher ħiereġ minn knisja, ma' l-għarusa, għadu jtejjeġ, u kif ħareġ, ikun hemm rival tiegħu li jisparalu u John Gilbert jaqa' fl-art, iżomm driegħu tal-lemin. Fix-xena ta' wara, Gilbert jidher, bi driegħu tax-xellug infaxxat.

Qabel il-gwerra wkoll, kien deher film li l-protagonista tiegħu kien Viċtor McLaglen. Dan kellu l-parti ta' traditur, u f'xena minnhom, jidher, imniġġeż mill-kuxjenza, għax ittradixxa lil sħabu, b'lira karta f'idu.

L-azzjoni suppost kienet qed issir fl-1919, meta l-Irlandiżi kienu diġa bdew il-ġlieda ma' l-Ingliżi, u l-lira li kellu f'idu kienet karta li ħarġet 20 sena wara.

Film ieħor, li kien suppost qed juri l-battalja bejn suldati Amerikani u Ġappuniżu fl-1942, wera karrozza li l-mudell tagħha kien ħareġ 15-il sena wara.

Hemm ġurnali Ingliżi li jagħtu premju kull ġimgħa lil min isib xi żball f'dak li jidher fuq l-iscreen. Kien hemm tifel, m'illux li qabad żball tajjeb. Għax trid tqis li hawn min josserva aktar minn ieħor. Dan osserva li f'teleplay, mara marret tixtri minn ħanut, u l-assistenta qaltilha li l-kont kien tela' Lira u 20 pennies. (Għalina ejja ngħidu ċentesmi).

Il-mara tefgħitilha lira, u l-assistenta tagħtha 10 pennies bqija.

Kien hemm 'show' ta' prestiġjatur, jagħmel dak li ngħidulhom il-bużullotti - u bużullotta għamel, li qabduh fiha. Dan daħħal mara ġo kaxxa twila, u sserraħa min-nofs. Dam jisserra tgħidx kemm, u mutetti, u ġesti, kif ngħidu... għall-gallarija, u 'Hey Presto!' il-mara ħarġet sħiħa.

Iżda meta l-mara daħlet fil-kaxxa kellha żarbun aħmar, u meta ħarġet kellha f'saqajha żarbun aħdar. U dan intebaħ bih telespetatur.

## U fir-Radjo

Kellek l-announcer, imdaħħal fl-eta', li nstema' jgħid: "Il-ħin issa huwa t-tlieta eżatti, u wasal il-ħin li ngħidu t-talba ta' nhar ta' Ġimgħa. Mela: 'O ruħ x'għamiltlek jiena...' Waqaf ħesrem u qal: "Skużawni, qiegħdin jagħmluli s-sinjal li llum l-Erbgħa, mhux il-Ġimgħa..."

U dak kollox, bit-tama li m'għamiltx, hawnhekk, xi paprata jien!

# RENAULT LAGUNA

## Nothing has been left to chance




Balanced body lines, generous interior space, luxurious seating, refined levels of equipment.... including 5 speed, power steering, driver's airbag, electric sliding roof, central locking with remote control, front electric windows, rev. counter, radio/cassette, tinted glass, air conditioner. Every detail of the Laguna has been meticulously thought through for you and your loved ones. Powered by a 1.8lt Petrol engine and a 2.2lt Diesel engine.

**Renault Laguna**: quite simply a new perspective on driving pleasure

*PART EXCHANGE ACCEPTED*

**RENAULT**

See them at KIND'S SHOWROOMS: LIJA Tel: 433601/2/3. Gzira Tel: 330031. Gozo Agent: Tasika Auto Ltd., Victoria. Tel: 553288

# Appuntamenti Annwali - Minn Vincent Perry

Għal ħames sena wara l-oħra, ġiet organizzata r-riċeviment għal nies bi bżonnijiet speċjali. Dan ir-riċeviment huwa wieħed mill-attivitajiet li l-korp jorganizza. Kif inħass il-bżonn li tiġi organizzata din l-attivita?.



Dan talab il-permess lill-Kummissarju ta' dak iż-żmien. Aħna tlabna biex jekk jista' jkun ikun preżenti waqt dan ir-riċeviment. Is-Sur Camilleri, b'entużjażmu li qatt ma rajt bħalu u flimkien magħna daħal ruħu u b'ġismu għal din il-preparazzjoni ta' dan il-party. Flimkien ġibna ħafna rigali li stajna natugħhom lil dawn in-nies waqt il-party, flimkien mal-Kummissarju stajna nilħqu ma l-ispejjes billi offra parti mill-flus. Minn naħa l-oħra l-Federazzjoni tal-Pulizija offritilna ftit rigali li kien jibqalna wara il-party tal-Milied. Din is-sena għal din l-okkażjoni kien għad kemm ġie ppuntat Ministru ġdid għall-Intern u l-Kummissarju stieden ukoll lill-Ministru Dr. Tonio Borg biex ikun preżenti għal din l-okkażjoni. Waqt id-diskors ta' l-okkażjoni, kemm il-Kummissarju kif ukoll Onor. Ministru



Bħal ma ssir f'kull post jew soċjeta', kemm f'Malta kif ukoll fid-dinja, jsir riċeviment biex jiġi iċċelebrat żmien il-Milied. Dak iż-żmien kull minn ikollu xi sold jara kif sa jixtri xi rigal jew ieħor, kemm għall-ħbieb, jew għal xi wieħed tal-familja. Kellna użanza ġewwa d-dipartiment tagħna aħna il-pajżana li tiġi mixtrija pasta jew ġelat minn dak il-bniedem li jkun għalaq żmienu. Ħafna drabi jkun hemm iżjed minn persuna waħda li talaq żmiena f'dak ix-xahar. Allura ġie deċiż li kull min jasal biex jagħlaq żmienu, irrid jagħti kemm tiswa pasta, jew ġelat għal kull wieħed u waħda minna. Imbagħad fl-aħħar ta' kull xahar jinxtara l-pasta jew l-ġelat, u imbagħat fl-aħħar tas-sena jiġu ikkalkulati l-flus li jibqa u ikun jista' jsir (Party) ir-riċeviment tal-Milied f'sezzjoni tal-uffiċju, wara li jibqa jiġi mogħti lill-istutizzjonijiet tal-faqar. Kien jibqa flus wara l-party u jiena u Rita Abela kif ukoll sħabna ta' l-uffiċju mmorru w intuhom lil dawn it-tfal inqas ixxurtjati minn uliedna. Kien ilna naħsbu biex naraw kif nagħmlu u nagħtu riċeviment lil persuni b'diżabilita. Hemm nibtet din l-idea, u jien u Rita tlabna l-parir tas-Sur Alfred Camilleri li dak iż-żmien kien il-prinċipal tagħna.

komplew inkorraġuna biex ninpenjaw ruħna għas-snin il-quddiem. Kien għal darb' oħra suċċess. Il-ferħ li jidher fuq wiċċ dawn in-nies, huwa ta' bilħaqq impresjonanti. Nixtieqa nirringrazzjaw li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom biex ikun jista' jintlaħaq dan il-għan. Din l-okkażżjoni daħlet fil-kalendarju tal-Korp.

Vincent Perry.

# The Differential Association Theory -

**Minn Ps 1379 Raymond Cremona**

The criminological theory of differential association is based on the concept that individual criminal actions are the results of positive evaluations of deviance acts after knowledge is procured through social instruction. A person who is subjected to more definitions in favour of crime violation than against crime infringement becomes a delinquent.

Gabriel Tarde who lived between 1843 and 1904 was one of the initial proposers who said "patterns of delinquecy and crime are learned in much the same manner as any occupation, primarily through imitation of and association with others". Edwin Sutherland (1883-1950) research between 1924 and 1947 developed further this concept. Don Cressey published later editions of Sutherland's book "Principles of criminology". Cressey was one of the last of Sutherland's students and a leading proponent of Sutherland's research.

The theory was a modern attempt to construct a single explanation for individual criminal causation. The perspectives of differential association were among the first elements that brought the concepts of Sociology to Criminological studies. It was one of the principal direct attempts to explain crime causation. It has been evaluated, criticized, prided and spread throughout the world.

Sutherland argued that persons become delinquent when they define Law violation more favourable to them then conventional behaviour. He also stressed that individuals learn the definitions of crime violations through the usual means that are often used for learning traditional and conventional elements of life.

Sutherland's research was based primarily on studies of "white collar crime". He argued that normal conventional persons who encounter intensive rationalization in favour of committing norms' infringements are vulnerable to committ deviances themselves. If the sources of negative instruction is a person who is usually trustworthy to the person aquiring the definitions there is a better chance that the person aquiring the definitions become a deviant.

## The Nine Basic Element of the Theory

The theory has nine basic prepositions.



*PS. 1379 Raymond Cremona*

1. Behaviour conventional or not is learned.
2. One learns criminal behaviour by socialization.
3. An individual's behaviour is particularly effected by close contact with relatives, friends and when among groups of such friends and relatives.
4. Instructions include the particular motive, reason and bearing, and the technical way to achieve a deviant goal.
5. Legal Statutes contribute to the formation of opinion as to the favourable or unfavourable evaluations of criminal acts.
6. People become criminals when the weight of instruction in favour of illegal acts outweighs that against infringement of Law.
7. The affinity and period being regular or otherwise, of an individual's association with the source of negative instruction effect the intensity and extent of criminal behaviour.
8. Learning illegal conduct by association with negative sources is similar to the process of learning orthodox behaviour from positive sources.
9. Although delinquent behaviour is an expression of one's requirements, it is not a compulsory effect of specific requirements, as same needs may be attained through legal practices.

Social economic environments may effect individual associations. An opportunity for a person to be close to readily available sources of negative or illegal inspirations will increase his chances to associate and learn delinquency. Therefore communities with a high rate of criminality increase the chances of any person to have social contacts with negative sources. In addition Criminal environment help an individual to regard criminal behaviour as an acceptable norm in the particular community.

"White Collar Crime" and the Differential Association Theory

This Cultural deviance theory had left a special impact on the empirical research on "White Collar Crime". In "White Collar Crime", yields are usually high. It is the element of profitability that makes this type of crime attractive to many individuals.

Individuals become familiar to methods of achieving criminal accords while in the company of persons already well accustomed to methods and who already have the drives that influence their relationship towards crime. The more intimate and close the relation is with delinquent tutors, the better is the chance for an individual to get impelled towards crime. In Corporate and business environment, stakes are high and crime may leave crucial gains that may exceed the sanctions that are ventured.

In several cases of white collar crime, the society considers such crimes as not effecting anyone individually. Though white collar crime is very much dispersed compared in ratio to other crime, very few cases are prosecuted annually. Radzinovicz (1966) pointed out that:

"For various reasons these offences are regarded by most people as venial, or at least as far less criminal than what Garafolo (1885) called the "natural crimes", the traditional offences against the person and property"

"White Collar Crime" not only creates a perfect setting for a criminal opportunity that leaves high criminal benefits but in most cases of "White Collar Crime" environments, there are readily available and willing instructors.

Evaluation and studies of the Differential Association Theory

Gottredson and Hirschi (1990), agreed that persons commit crime whenever they decide that the pleasures produced by such violation exceed the pain risked on their commission. However they explained that there is a natural desire within individuals for deviant behaviour. Consequently they concluded that individuals, must learn to restrain from committing deviant behaviour. This argument conflicts with Sutherland's nation that crime is the result of learning the non-conventional behaviour, and not the result of deficiency in the learning process of conventional behaviour.

Simons, Miller and Aigner (1980) while analyzing this theory, presented a study that shows that females and males are sensitive to criminal learning in the same manner. However since young age females tend to have less access to criminal and illegal inspirations. This results in lesser delinquent attitudes in females.

Ray Jeffrey (1990) pointed out that the theory has five principal set-backs:

a) That the differential association theory ignores personal biology and psychology.
b) The theory fails to overlook the role of opportunities for crime to transpire.
c) The theory does not explain crimes of passion.
d) The theory is impossible to explore empirically.
e) The theory gives very vague recommendations as how to curb crime.

Jeffrey also contends that if the concept that Criminal acts are learned, is presument to be correct, consequently who inspire the first law-breakers? Can criminologists ignore genetics? Why persons who recieve very similar opportunities in National Institutions behave in different manner?

Warr (1993) while explaining a "National Youth Survey", on the effects of age groups on crime distribution and the exposure of youths to delinquent peers, concluded that "age effects an individual ability to learn and consider any inclinations learned through peer groups". According to him infants and addolicents are more vulnerable to learn negative definitions of deviant acts.

Research on the "differential association theorgy" helped Richard Cloward and Lloyd Ohlin (1960) in their development of the "Differential Opportunity Theory". Ronald Akers and Robert Burgess (1968), also used Sutherland's work in the development of the "Differential Reinforcement theory.

**References:**

Adams R., (1974). The adequacy of Differential Association Theory. Journal of Research in Crime and Delinquency. Vol. 11 no. 1 (pp. 1-8)

Bursik R..J. jr, & Grsmick H.G., (1993). "Neighbourhoods and Crime" (pp. 116-123) New York - Lexington Books.

Fagan J., & Reinarman C., (1988). Social Organization and Differential Association: a research note from a Longitudinal Study of Violent Juvenile Offenders. Crime & Delin-

quency. Vol 34 no. 3 (pp. 307-325).

Glueck S., & Glueck E., (1974). "Of Delinquency and Crime: A panorama of years of search and researcy". (pp. 48-58 & 95-106). Springfield - Charles Thomas Books.

Gottfredson M.R. & Hirchi T. (1990) "A General Theory of Crime". (pp. 4-103) California - Stanford University Press.

Jeffrey R.C. (1991). "Criminology: An Interdisciplinary Approach". (pp. 261-265) New Jersey - Prentice Hall.

Matsueda R.L. (1988). "The current state of Differential Association Theory". Crime and Delinquency. Vol. 34 no. 3. (pp. 277-301).

Radzinovicz L., (1996). "Ideology and Crime" (pp. 60-127) London - Heinemann Educ. Books

Simmons R., Miller M., & Aigner S., (1980) "Contempory theories of Deviance and Female Dlinquency: An Empirical Test". Journal of research in Crime and delinquency. Vol. 17 no. 1 (pp. 45-51).

Sutherland E.H., & Creassy D.R., (1978). "Criminology" (pp. 657-689) New York - J.B. Lippincott Co.

Voigt L., Thornton W.E., Barrile L., & Seaman J.M. (1994). "Criminolgy and Justice". (pp. 227-232 & pp. 465-466) New York - Mc Graw Hill, Inc.

Walker N., (1991) "Why Punish" (pp. 1-20) Oxford - Oxford University Press.

Walters G., (1990) "The Criminal Lifestyle" (pp. 20-67) Newbury Park - Sage Publications.

Warr M. (1993) "Age peers and delinquency" Criminology Vol. 31 no. 1 (pp. 1-38).

**INVICTA LTD.**

**COMPLETE OFFICE FURNISHINGS**

**RANGES IN MAHAGONY - OAK - STEEL**

EXECUTIVE & OFFICE DESKS
FILING CABINETS
OFFICE CUPBOARDS
WALLSHELVING UNITS & BOOKCASES
COMPUTER STATIONS & STANDS
EXECUTIVE, TYPISTS, OFFICE CHAIRS
& ARMCHAIRS OF THE LATEST E.E.C.
MODELS & SPECIFICATIONS

**THE CHOICE OF THE PROFESSIONALS**

FOR FUNCTION - BEST VALUE - DURABILITY - AFTER SALES SERVICE

***AVAILABLE FROM:***

* Sliema The Strand Tel: 313827 * Mosta - Valletta Road Tel: 433977
* Paola - Paola Sqr., Tel: 666906 * G'Mangia - G'Mangia Hill Tel: 233153
and at * Atlantis - Main Street, Qormi Tel: 488517

***FACTORY & OFFICES***

* Quarries Square, Msida Tel: 233153 - 5. Fax: 243380 Tlx: 1693 1693 VICTA.






# L-Inbid tal-Ħbieb

il FORNAIO

THE HOUSE OF PERFECTION





Golden Harvest

All types of daily baked bread, pizza, pasta fresca, delicatessen, Belgian and Italian confectionery & ice-cream.

TOWER ROAD, SLIEMA. TEL: 331895, 318939

# Ritratti mill-imgħoddi - Minn Pc 960

*Il-Pulizija tidderiġi t-traffiku fil-Blata l-Bajda minn fuq it-Traffic Island.*





*Waħda mill-ewwel kolluzzjonijiet bejn żewġ vetturi fis-snin tlettin.*

*Karozza tal-linja mżejna minħabba ż-żjara tar-Re.*















Sole agents & distributors:
CAPT. A. CARUANA LTD.
Republic Street, Valletta. Tel: 246202, 245903

Three destinations, two travellers, one bank.



Going abroad?

Use QUIKTRAVEL - the convenient and comprehensive travel banking service.
For more details, call at your nearest Mid-Med Branch.

Mid-Med
BANK
Your Friend for Life